MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 370/2003/1

**Christopher u Lucienne konjugi Selvagi**

**vs**

**Peter Borg**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Marzu, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi

> "Il-Qorti:
>
> Rat illi fis-17 ta' Lulju 2003 l-atturi pprezentaw avviz fir-registru ta' din il-Qorti fejn talbuha tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni minnu kagjonati fil-proprjeta tal-atturi meta qeghdilhom il-madum liema xoghol, kif konfermat mic-ertifkat peritali anness (document P1) ma sarx skond is-sengha u l-arti, liema danni skond id-

dokument P2 jammontaw ghas-somma ta' elf disa' mija u disgha liri Maltin (LM1909), u dan okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Illi nhar 28 ta' Ottubru 2003, il-konvenut ipprezenta in-nota ta' eccezzjonijiet tieghu fejn eccepixxa;-

I. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru peress illi l-kawza ma gietx diretta ukoll kontra mart l-konvenut u kwindi l-istess konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghal dak eccepit hawn aktar l-isfel, l-atturi ghandhom l-ewwel u qabel xejn jiddikjaraw bi precisjoni that liema artikolu jew artikoli tal-ligi huma qedin jirreklamaw il-pretensjonijiet dedotti minnhom fl-avviz.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, salv u impregudikat id-dritt tal-konvenut li jecepixi preskrizzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzji ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut ma kkawza ebda Danni lill-atturi peress li x-xoghol minnu esegwit sar skond is-sengha u l-arti, kif maqbul bejn il-partijiet u bil-kompjacenza u sodisfazzjoni total ital-istess atturi u dank if ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza tant illi x-xoghlijiet kollha saaru gew spezzjonati u approvati mill-istess atturi li fahhru x-xoghol tal-konvenut oltre li l-istess atturi anke halsu lill-konvenut pagamenti wara li kien tlesta x-xoghol u ghaldaqstant it-talbiet attrici

ghndhom jigu michuda bl-ispejjes u l-imghaxijiet kollha kontra l-atturi.

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit t-talbiet attrici huma ukoll nfonati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-atturi innifishom ammettew li fadlilhom ighatu lill-konvenut tax-xoghol minnu esegwit.

6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, biex azzjoni ghad-dnni tirnexxi, l-tturimhux biss huma tenuti jippruvaw materjalment li huma soffrew Danni, izda iridu jipprovaw ukoll in-ness (nexus) bejn id-danni minnhom allegatament sofferti u l-attur.

7. Illi fl-ahhar nett, dato non concesso, li l-eccezzjonijiet sudetti ma jigux akkolti, l-ammont mitlub huwa fi kwalunke kaz eccessiv.

8. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar il-21 ta’ Novembru 2003 din il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil Perit Tekniku Alan Saliba spejjez provizorjament ghall-attur.

L-attur Christopher Selvaggi xehed quddiem il-Perit Tekniku nhar is-27 ta’ Settembru 2004 u esebixxa c-certifikat rilaxxat mill-Perit Anton Valentino bhala document CS1 datat 19 ta’ Ottubru 2001 u li referenza ghalih hemm fl-avviz bhala dokument P1 a fol. 2 tal-atti processwali.

Jghid illi huwa kien inkariga lil konvenut Peter Borg sabiex jaghmillu xi xoghol ta’ tqeghid ta’ madum fid-dar tieghu. Il-konvenut qatt ma kien hadem xi xoghol ghall-attur qabel. Fil-fatt kien hadu fuq il-post fejn kellu isir ix-xoghol urieh xi kampjun tal-madum li kellu fuq il-post u ftehmu rata verbalment ghall-kamra tal-banju u ohra ghal madum tal-art.

Il-konvenut ghall-ewwel beda bix-xoghol tal-hitan tal-kamra tal-banju u meta lesta l-hitan tal-kamra tal-banju talab lill-attur tmenin lira maltin (LM80) akkont. Dan l-ammont thallas mill-attur. Wara ftit ta' zmien il-konvenut mar biex ikompli bil-madum ta' l-art. Meta beda jqieghed il-madum ta' l-art l-attur kien imur kuljum biex jara x-xoghol. Huwa mal-ewwel beda jinduna li x-xoghol ma kienx qed jigi sew, cioe li l-madum ma kienx qed jitpogga livel wahda ma l-ohra. Il-konvenut qallu li meta jihalleb, dan ma jibqax jidher. Eventwalment tlesta x-xoghol u meta thalleb, id-difett hareg izjed. Fil-fatt ighid li kien hemm xi madum li l-konvenut qala u rega qeghdu. Pero l-madum kien kollu hekk u l-konvenut irrifjuta li jkompli jaqla izjed minnu.

Spjega ulterjorment li kif bdew juzaw il-post, il-fili tal-madum bdew jinqalghu f'bicciet kbar ma' kulimkien u l-ilma tal-hasil ta' l-art kien jizel fih. Hafna madum beda jiccaqlaq u dan kien jinhass meta timxi fuqu u kif ukoll kien hemm xi madun li attwalment inqasam. Ghalhekk huwa ma halsux ghax-xoghol peress li kien sar hazin u kien ghalhekk li ha l-Perit Valentino fuq il-post u dan irrilaxxjalu cerifikat li x-xoghol kien hazin u li sofra d-danni.

Dan nonostante l-attur jispjega li l-konvenut beda jitolbu l-flus u jiktiblu bl-avukat u fil-fatt fetahlu kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-zghar ghal bilanc li kien qed jippretendi u huwa ghamillu kontro-talba. Peress illi dak it-Tribunal ghandu l-kompetenza tieghu limitata, u ghalhekk ma setghax jiehu konjizzjoni ta' din il-kontro talba, l-attur odjern gie moghti terminu sabiex jipprocedi b'din il-kawza li effettivament kien fetah.

Fil-kontro-ezami tieghu li sar nhar il-15 ta' Marzu 2005, l-attur ikkonferma li huwa kien baghat id-dokument PB1 (a fol.49 tal-atti tar-rapport tal-perit)

lil Dr. Abela bhala risposta ghall-ittra li kien baghtlu l-istess Dr Abela ghan-nom tal-klijent tieghu u cioe l-konvenut. F'din l-ittra datata 7 ta' Dicembru 2000 huwa kien issugerixxa li jhallas l-ammont ta mija u hdax-il lira maltin (LM111) bla pregudizju u bonarjament biex il-kwistjoni tieqaf hemm.

Dwar l-ammonti imnizzla fuq dokument PB1 qal li l-ammont ta' mija u sbatax-il lira maltin (LM117) jirizulta mill-kont tal-konvenut stess a fol 33 tal-atti tar-rapport peritali datat 3 ta' Awissu 2000 dok JP1. L-ammont ta' ghaxar liri (LM10) kif ukoll l-ammonti l-ohra hlief ghall-ammont ta' mitejn u erbgha u sittin lira maltin (LM264) ghat-tqeghid tal-*floor tiles*, li qatghu kollu barra ghax dan jirraprezenta xoghol li sar hazin, u hames liri maltin (LM5) ta' ittra ta' l-avukat u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm57) VAT.

Huwa qabel li l-ewwel darba li mar il-Perit Anton Valentino kien fis-17 ta' Ottubru 2001 u li f'Lulju l-konvenut fetahlu l-kawza fuq imsemmija ghall-ammont pretiz minnu ta' tlett mija, sitta u sebghin lira Maltin (LM 376) li huwa irrisponda permezz ta' kontro talba.

Ikkonferma ukoll li l-konvenut hadimlu f'Marzu / April tas-sena 2000 u spicca dan ix-xoghol wara l-perjodu ta' tlett gimghat, pero mhux skond kif kienu ftiehmu ghaliex ix-xoghol kien sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti.

Nhar is-7 ta' Dicembru 2004 xehed quddiem il-Perit Tekniku Alan Saliba, il-Perit Anton Valentino kkonferma li kien gie mqabbad mill-attur sabiex jara x-xoghol ta' madum li kellu fil-villa tieghu 'Il-Hennija', Triq il-Militar, Madliena. Il-Perit Valentino kkonferma iz-zewg certifikati rilaxxati minnu Dok. CS1 datat 19 ta' Ottubru 2001 u Dok. P1 datat 14 ta' Lulju 2003. Il-kelma *bathroom* giet

irrangata mill-Perit ghal *boxroom* f'paragrafu tnejn fuq id-dokument CS1.

Spjega li d-dokument P1 jirreferi ghal stima sabiex jinqala l-madum u jitpogga mill-gdid u dan kalkulat bil-vat ta' 15% (ir-rata applikabbli dak iz-zmien).

In kontro ezami l-Perit Valentino xehed li kien mar fil-post fejn tqieghed il-madum ftit granet qabel ma kien irrilaxxja c-certfikat tad-19 ta' Ottubru 2001 u li l-atturi regghu kellmuh ftit qabel id-data tat-tieni rapport u cioe dak tal-14 ta' Lulju 2003, sabiex jirrilaxja din l-istima. Jekk il-partijiet kelmuhx bejn dawn iz-zewg dati ma setghax jikkonferma. Ikkonferma li meta sar ix-xoghol bl-ezatt ma jafx pero zgur li mhux wisq zmien qabel ma gie rilaxxjat dan ir-rapport tieghu. Huwa kkonferma li kellu jinqala l-madum kollu. U dan peress li kien hemm difetti fil-maggor parti tal-madum. Id-difetti ma kienux l-istess kullimkien izda jaf li kien hemm madum itaptap u *grouting* jinqala.

Illi nhar il-15 ta' Far 2005 dehret quddiem il-Perit Tekniku Joyce Pace Assistent Registratur tal-Qorti u esebiet il-process li kien hemm pendenti quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar fl-ismijiet inversi.

Il-konvenut Peter Borg xehed quddiem il-Perit Tekniku fil-15 ta' Frar 2003 u kkonferma li kien cempillu l-attur u qallu li xtaq li jahdimlu u cioe li jaghmel xi xoghol tal-madum. Jghid li effettivament kien ghamel xi xoghol tal-madum xi zmien qabel f'xi proprjeta ta ohtu. Qal li kienu ftiehmu fuq prezzjijiet u x-xoghol li kellu isir. Tant li fil-fatt l-attur kien imur jiftahlu filghodu biex jahdem u jerga jmur wara nofs in-nhar biex jiccekja x-xoghol ta kuljum. Qal li dam tlett gimghat jahdem u qatt ma kellu ilmenti. Ikkonferma li verament kien talab mitt lira (LM100) lill-attur u dan tah tmenin lira (LM80) minflokk u dan meta kien beda bix-xoghol. Jghid li fil-fatt

huwa kien ghad baqghalu jigbor minghand l-attur dik is-somma flus li qed jippretendi fil-kawza li hemm pendenti quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar u maghhom trid izzid il-VAT. Qal li xi gimgha li lesta x-xoghol huwa kien cempel l-attur sabiex jithallas u dan qallu li x-xoghol kien hazin u ma riedx ihallsu l-ammont pretiz minnu izda kien lest li ighatih biss is-somma ta' mija u hdax-il lira maltin (LM111) kif hemm imnizzel fid-dokument esebit bhala document PB a fol. 34 tal-process peritali. Cahad li kien qala xi madum ghaliex ma kienx wahhalhom tajjeb jew li qallu biex ihalleb il-madum biex jigi tajjeb. Qal li kien qala xi madum ghaliex l-attur kien gab l-irham bin-nieqes.

L-attrici Lucienne Selvagi ukoll xehdet quddiem il-Perit Tekniku fil-15 ta' Marzu 2005 u stqarret li ma tantx kienet tkun fuq il-post meta l-konvenut kien ikun qed jahdem. Ikkonfermat li kienet qabdet lill-Perit Valentino flimkien ma zewgha sabiex jiccertifika x-xoghol li kien sar mill-konvenut. Qalet li hi qatt ma kienet prezenti meta zewgha ilmenta fuq xi xoghol pero gieli ghaddiet xi kummenti hi. Fil-fatt hija ddeskriviet fejn sar hazin ix-xoghol.

Illi fit-28 ta' Ottubru 2005 deher il-Perit Tekniku li pprezenta ir-relazzjoni tieghu u dan wara li halef li qeda onestament l-inkarigu mghoti lilu.

Illi minn esami ta' din ir-relazzjoni l-Perit Tekniku kkonkluda li l-atturi sofrew danni fl-ammont ridott ta' elf, mija sitta u hamsin liri Maltin u disghin centezmu (LM1,265.90) minhabba xoghol ta' tqeghid ta' madum mill-konvenut mhux skond is-sengha u l-arti. Dan l-ammont jinkludi il-hmistax fil-mija (15%) VAT u dan salv li tigi trattata l-kwistjoni ta' liema rata ta' VAT hi applikabbli fil-kaz odjern.

Illi nhar l-4 ta' Novembru 2005 l-konvenut pprezenta nota fir-registru fejn talab il-hatra ta' periti perizjuri izda fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2006

irtira din l-istess talba tieghu u minflok talab li jeskuti l-Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba. Minkejja dan, l-eskussjoni ta' l-imsemmi Perit Tekniku baqghet qatt ma saret.

Illi nhar is-27 ta' Novembru 2006, l-attur ipprezenta nota fejn ta l-fehmiet tieghu ghaliex l-ammont minnu pretiz fl-avviz fl-ammont ta' elf disa' mija u disgha liri Maltin (LM1909) m'ghandux jigi ridott ghas-somma likwidata ta' elf, mija hamsa u sittin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmi (LM1165,48) mill-Perit Tekniku. Flimkien ma din in-nota huwa pprezenta dokument mahrug mis-socjeta S&S Bathrooms datat 22 ta' Frar 2006 minn fejn jirrizulta li l-madum in kwistjoni m'ghadux jigi manifatturat.

Illi nhar il-15 ta' Marzu 2007 dehru l-avukati difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza quddiem din il-Qorti kif preseduta u awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ikkunsidrat.

Mill-atti processwali jirrizulta illi l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut jhallas dik is-somma minnha likwidata rapprezentanti danni sofferti minnu minhabba xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti esegwiti mill-konvenut fil-proprjeta tieghu.

Illi l-konvenut jecepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn f'din il-kawza u dan a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk jehtieg li l-ewwel u qabel kollox tigi esperita din il-kwistjoni tal-perentorjeta ta' l-azzjoni odjerna.

L-artikolu 2153 tal-Kap. 16 jipprovdi illi "*l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn*".

Minn dak li jirrizulta mill-atti u minn dak li qalu l-kontendneti stess, ma hemmx dubbju li x-xoghol in kwistjoni sar fix-xhur ta’ April u Mejju, 2000 tant illi l-konvenut hareg il-kont bilancjali tieghu fis-26 ta’ Mejju, 2000. Jirrizulta minn ittra esebita fl-atti datata 2 ta’ Settembru, 2000 iffirmata mill-konvenut Peter Borg illi l-kwistjoni tad-difett fit-tqeghid tal-madum kien diga ezistenti u dan ftit xhur wara li kien sar ix-xoghol.

Jirrizulta ukoll minn korrispondenza ezebita illi l-attur kien lest li jaccetta u jirrizolvi l-pendenza in kwistjoni mal-konvenut billi jhallsu s-somma Lm111 (vide Dok. PB 1 esebit fl-atti a fol. 49) minflok is-somma pretiza mill-istess konvenut ta’ Lm376. Nonostante illi l-konvenut kien jaf bl-allegati diffetti li kienu qeghdin jigu reklamati mill-attur huwa ghazel li ma jaccettax dan il-hlas, u minflok ipproceda b’kawza quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar.

Illi l-kawza odjerna infethet fis-17 ta’ Lulju, 2003 u mill-atti, kif jirrizultaw lil din il-Qorti, ma jirrizultax li kien hemm xi interuzzjoni tal-perjodu ta’ preskrizzjoni jew rinunzja ghall-istess. Illi ghalhekk din il-kawza ma tistax tirnexxi u dan peress illi l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ma huwiex mehtieg ghalhekk, galadarba qieghed jigi deciz li l-azzjoni odjerna hija perenta li din il-Qorti tidhol fl-eccezzjonijiet l-ohra imqanqla mill-konvenut, jew dwar il-kwistjoni tad-danni sofferti mill-attur skond ma qal l-istess Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba.

GHALDAQSTANT din il-Qorti qeghda tilqa l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu u tiddkjara lil din l-azzjoni perenta.

Bl-ispejjez kontra l-attur.”

Bl-appell taghhom minn din is-sentenza l-atturi jikkontestaw l-akkoljiment da parti ta' l-ewwel Qorti tal-preskrizzjoni opposta a norma ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Sintetikament, huma javvanzaw il-proposta illi t-terminu preskrittiv ghal liema jirreferi d-dispost imsemmi tal-ligi jinsab interrott, sew bir-rikonoxximent mill-konvenut tramite l-ittra tieghu tat-2 ta' Settembru, 2000 ta' l-ezistenza tad-difetti, sew bl-att gudizzjarju kostitwit mill-kontro-talba fl-azzjoni separata tal-konvenut domandanti l-hlas bilancjali tax-xoghlijiet ezegwiti;

Il-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-atti u mill-provi jipprovdu dan il-kwadru. L-atturi kkommissjonaw lill-konvenut bl-appalt ta' tqeghid ta' madum fil-proprjeta` taghhom. Huma jsostnu illi skond konsulenza teknika x-xoghlijiet ma gewx ezegwiti skond l-arti u s-sengha u ghalhekk ippretendew tnaqqis fil-prezz ta' l-istess appalt. Jidher li dwar din il-proposta ma nthalaq ebda qbil tant li l-konvenut ghadda ghall-azzjoni quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar biex jitlob il-hlas tal-bilanc dovut. F' din l-istess azzjoni l-atturi pprezentaw kontro-talba ghar-rizarciment tad-danni ghax-xoghlijiet ezegwiti hazin izda billi l-ammont pretiz tad-danni kien jeccedi l-komptenza ta' dak it-Tribunal, ghaddew biex intavolaw l-azzjoni odjerna u meritu ta' dan l-appell. Il-konvenut iddefenda ruhu, *inter alia*, bl-eccezzjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 2153, Kapitolu 16, u din giet ikkuntrastata mill-atturi bil-proposizzjoni illi dak it-terminu preskrittiv stabbilit fid-disposizzjoni kien gie interrott ghall-motivi aktar 'il fuq esposti. L-ewwel Qorti dehrilha li dan ma kienx hekk il-kaz u ddecediet favur il-preskrizzjoni eccepita;

Irid jinghad bl-ewwel riflessjoni illi l-Qorti ma tistax tindahal dwar ix-xorta ta' preskrizzjoni sollevata mill-parti, kif lanqas ma tista' tirrileva *ex officio* l-preskrizzjoni li messha giet eccepita f' kaz li dik moghtija ma tkunx applikabbli (ara Artikolu 2111, Kodici Civili). Ciononostante, jidher li hu dejjem doveruz fuq il-Qorti li din tistharreg jekk il-

preskrizzjoni eccepita hijiex ammissibbli jew konfigurabbli ghall-fatti li fuqhom hi bazata t-talba attrici, u tistabilixxi, allura, jekk it-terminu preskrittiv invokat mill-konvenut kienx jew le applikabbli ghalihom. Dan anke indipendentement mill-kontra-eccezzjoni ta' l-atturi u tas-sottomissjoni ta' dawn ta' l-effetti ostativi ta' l-operattivita` tal-preskrizzjoni bil-fatt ta' l-interruzzjoni;

Dan affermat, fil-kaz ta' domanda gudizzjali ghar-rizarciment tad-danni hu rikonoxxut mill-gurisprudenza illi d-danni mitluba jistghu jkunu, skond il-kaz, ta' tliet speci, jigifieri,

(1) "dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preksrizzjoni hi dik ta' l-azzjoni kriminali);

(2) dawk derivanti minn htija akwiljana (fejn il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn);

(3) dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hi dik ta' hames snin)";

Ara "**Joseph Micallef nomine -vs- Carmelo Cassar**", Appell Civili, 27 ta' April 1953. Jinsab, imbaghad, ipprecizat ukoll illi "l-htija meta tigi konsiderata fl-entita` guridika taghha hi wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha "'*aquiliana*' li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza l-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hi marbuta; mentri l-htija *aquiliana* tipresupponi fatt li minnu titnissel *ex nunc"* ("**Mary Vassallo -vs- Giovanni Mizzi *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April 1949). Nautralment, kif ulterjorment ritenut, "huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostiwixxi kolpa kontrattwali; pero` biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali, jehtieg li dik il-vjolazzjoni ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti, l-ghaliex anke fil-presenza ta' kuntratt jiddependi mic-cirkustanzi l-gudizzju jekk il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew akwiljana. Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f' ezekuzzjoni hazina, ta' obbligazzjoni rizultanti minn kuntratt. Ghal dik il-kolpa kontrattwali topponi ruhha l-kolpa akwiljana jew

dilettwuza, li fl-ezistenza ta' kuntratt tivverifika ruhha pero` biss meta l-fatt kolpuz li jigi maghmul ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali" ("**Joseph Busuttil -vs- Emmanuele Schembri**", Appell Kummercjali, 19 ta' Frar 1954;

Ferma din l-introduzzjoni, huwa altru milli evidenti illi l-htija attribwibbli mill-atturi lill-konvenut issib riskontru fir-rapport kontrattwali ta' l-appalt affidat lill-konvenut. Effettivament, l-atturi jippremettu illi dan l-istess appalt kommissjonat ma giex esegwit skond id-dettami ta' l-arti u s-sengha. Kolpa bhal din certament ma tistax tigi klassifikata bhala wahda akwiljana ghax il-kollegament taghha hi biss mal-kuntratt innifsu u mhux indipendentement jew awtonomament minnu;

Il-preskrizzjoni qasira bjennali ghal liema jirreferi l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili hi ntiza li tikkolpixxi unikament id-dritt ta' azzjoni extra-kontrattwali, promwuovibbli in konsegwenza ta' fatt illecitu akwiljan, u allura ma ssibx applikazzjoni fil-kaz fejn dak l-istess dritt ta' azzjoni ghar-rizarciment tad-danni jissussisti in bazi ghall-kuntratt u tan-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligazzjonijiet inerenti ghalih. Fuq dan tezisti gurisprudenza kopjuza u pjuttost konkordi. B' illustrazzjoni jinsab affermat mill-Qorti tal-Kummerc fid-decizjoni ta' l-24 ta' April 1906 in re: "**Giuseppe Attard *nomine* -vs- Alfred Zerafa *nomine***", illi "*trattandosi di un' azione per danni derivanti dall' inadempimento di una obbligazione contrattuale, non è applicabile la disposizione dell' articolo 1917 dell' Ordinanza VII del 1868 (*fil-prezent, Artikolu 2153*), che è applicabile solo ai danni risultanti da dolo o colpa extra-contrattuale, ovvero Aquiliana, ma è invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli effetti del contratto.*" Fl-istess sens huma s-sentenzi fl-ismijiet "**Dr. Carlo Galea Naudi -vs- Negte Salvatore Zammit**", Appell Civili, 9 ta' Marzu 1925; "**Carmela armla Manicolo -vs- Philip Hili**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u "**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Minn din l-esposizzjoni gurisprudenzjali huwa kjarament ovvju illi, fil-fattispeci tal-kaz konkret, il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin. Tali terminu fil-kaz prezenti ma kienx ghadu skada mill-finalizzar tax-xoghlijiet (Mejju 2000) sal-prezentata ta' l-azzjoni (17 ta' Lulju 2003). Jibqa' l-fatt illi l-preskrizzjoni eccepita ma kellhiex titqies ammissibbli u l-ewwel Qorti kienet guridikament zbaljata meta ghaddiet biex takkoljiha;

Raggunta din il-konkluzjoni l-Qorti ma tarax li huwa gust li tghaddi f' dan l-istadju biex tikkunsidra l-aggravji ta' l-atturi fil-mertu, in kwantu l-mertu jispetta fl-ewwel lok li jigi epurat u dan mill-ewwel Qorti, anke fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra ghalih. B' hekk ukoll il-partijiet fil-kawza ma jigux privi mill-beneficcju tad-*doppio esame*.

Ghal dawn il-motivi, anke jekk in bazi ghar-ragunijiet ghal kollox diversi minn dawk ta' l-appellanti, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet suesposti tirrevoka s-sentenza appellata li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153, Kodici Civili. Tirrimetti l-atti lura lill-Qorti inferjuri ghal konsiderazzjoni u decizjoni tal-mertu u ta' l-eccezzjonijiet l-ohra ghalih. Fic-cirkostanzi huwa xieraq illi l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi s' issa inkorsi jitbatew fi proporzjon indaqs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------